MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 588/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Rita Grima (K.I. 107673M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' tliet mija w hames ewro w sebgha u tmenin centezmi (€305.87) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru CN-279068- AC10106706 (telefonija) (21463188) skont diversi kontijiet mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati Dok A,B u C.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru, 2010 mill-Avukat Dr. Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------